MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 273/2004

**Victor Mifsud**

**vs**

**Mary Rose Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab illi l-konvenuta tkun ikkkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf disa mija erba u erbghin lira maltin u hamsin centezmu (Lm1,944.50) rapprezentant s-sehem tal-konvenuta minn kont mibghhut mid-dipartiment ta-Taxxi Interni sad-data tas-separazzjoni taghhom tas-27 t'April, 1999, liema somma l-konveneuta obligat ruhha li thallas u li issa qed tirrifjuta illi thallas minkejja li kien hemm diversi interpellazzjonijiet; Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li pemezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament hija tqis id-disposizzjoni invokata mill-attu fil-kuntratt ta' separazzjoni bejnithom bhala wahd nulla, inattendibbli u li ma tivvinkolahiex ghaliex ma kienitx taf bl-inkluzjoni taghha fl-ahhar mument u tirriserva li tagixxi biex timpunjaha;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal-prremess, irid jigi stabbilit illi t-talba attrici tinkwadra ruhha fil-portata ta' l-artikolu citat; inoltre hija qatt ma giet notifikata b'Atti jew assessments mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex b'hekk setghet tikkontrolla u tiddefendi l-posizzjoni taghha; irid jigi ghalhekk stabbilit minghjar regudizzju x'kienet it-taxxa dovuta u li kull talba ghal-hlas giet difiza diligentment mill-attur; Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-15 ta' Settembrtu 2004, l-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Ikkunsidrat ukoll illi fix-xhieda tieghu l-attur ddikjara illi fis-27 t'April 1999 issepara minn ma' martu permezz ta' kuntratt minnu esebit fejn fil-klawsola numru 13 kien qablu li ".. kull kont tat-taxxa tal-Income sal-lum jinqasam nofs kull wiehed". Madwar gimghatejn wara kien irceiva kont tat-taxxa u talab lil konvenuta thallas is-sehem taghha. Ix-xhud esebixxa dokument ufficjali tad-Dipartimet tax-Taxxa in sostenn tad-dikjarazzjoni tieghu. Esebixxa ukoll kopja ta' ittra interpellatorja indirizzata lill-konvenuta datata 30 ta' Lulju, 2001 u ohra datata 22 ta' Settembru, 2003. L-attur xehed illi huwa gia hallas l-ammont ta' Lm1200 mill-ammont ta' Lm3129 pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni oltre pagamenti ta Lm100 fix-xahar.

Il-konvenuta xehdet illi kemm damet mizzewga mal-attur, minkejja li kienet “tiehu hsieb xi affarijiet fejn jidhlu flus” (fol 47), qatt ma kellha x’taqsam dak li jirrigwarda l-Income Tax u qatt ma kienet taf x’qed jigri f’dan ir-rigward. Hija xehdet ukoll illi kienet impjegata u ghalhekk it-taxxa taghha dejjem kienet tithallas “at source”. Il-konvenuta xehdet illi wara qbil ghal separazzjoni bonarja u wara li kien abbozzat il-kuntratt, zewgha kien qajjem il-kwistjoni tal-kont pendenti mad-dipartiment tat-Taxxi Interni. Hi ma kienet taf bl-ebda kont izda peress illi kull ma kellha f’rasha kien li jiffirmaw il-ftehim ta’ separazzjoni, saret ammenda u hi ffirmat il-kuntratt fil-presenza tal-avukati tal-partijiet u n-Nutar Pubbliku u hmistax wara irceviet dawn il-kontijiet .

L-attur imbaghad xehed illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-kont pendenti mad-dipartiment tat-Taxxi Interni.

Ikkunsidrat illi fis-sottomissjonijet taghha l-konvenuta qed tinsisti li kienet ingannata meta fil-kuntratt ta’ separazzjoni zdiedet il-klawsola dwar l-obbligazzjoni ugwali ghall-hlas ta’ kontijiet tat-taxxa.

Dwar dan il-punt, il-Qorti gia astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta wara li din irtirat l-eccezzjoni ta’ nullita’ tal-klawsola affetwata. Minkejja dan, fin-nota taghha, l-konvenuta tghid illi hija kienet fi stat ta’ ecitament tant li ma fehmitx l-implikazzjonijiet ezatt [tal-obligazzjoni li thallas nofs il-kontijiet tat-taxxa] u ghalhekk talbet lill-Qorti tqis ic-cirkostanza taghha. Il-Qorti ghalhekk hija rinfacjata f’sitwazzjoni fejn l-konvenuta tivvanta eccezzjoni ta’ nullita ta’ klawsola ta’ kuntratt formanti l-azzjoni mressqa mill-attur; fl-istess waqt tirtira din l-eccezzjoni u sussegwentement tappella lill-Qorti biex tiehu konjizzjoni tac-cirkostanzi li fih iffirmat l-kuntratt ta’ separazzjoni. Il-konvenuta donnha trid timpunja din il-klawsola tal-kuntratt li jobbligaha taghmel tajjeb ghall-nofs it-taxxa dovuta izda din il-Qorti ma tistax taghmel dan hlief meta tkun espressament mitluba per via ta’ eccezzjoni, f’kaz ta’ kuntratt jew klawsola annullabbli jew per via ta’ azzjoni ad hoc skond il-kaz. Certament il-konvenuta ma tistax tistenna dan aktar u aktar meta l-provi minnha

mressqa juru li fil-hin tal-kuntratt kienet assistita mill-avukat taghha fil-presenza tan-nutar pubbliku u ma ressqet l-ebda xhieda biex turi li ma kienitx konxja tal-fatt illi dik il-klawsola kienet mizjuda ftit qabel ma ghaddiet biex tiffirma l-istess.

Il-konvenuta tghid ukoll illi hmistax wara li ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni kienet interpellata sabiex taghmel tajjeb ghall-nofs it-talba tad-dipartiment tat-taxxa. L-ittra tal-avukat tal-attur iggib id-data tat-30 t’April 2001 meta l-kuntratt ta’ separazzjoni kien iffirmat fis-27 ta’ April 1999, altru hmistax wara; It-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija dwar is-snin ta’ stima 1992 sa 1996, zmien meta l-partijiet kienu ghandhom jghixu taht il-kommunjoni tal-akkwisti. Din is-somma hija rapprezentata fl-avviz bhala Lm1,944.50 ekwivalenti ghallnofs dik mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa t-talba tal-attur u tirrispingi l-eccezjoni tal-konvenuta u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf disa mija erba u erbghin lira maltin u hamsin centezmu (Lm1,944.50);

Bl-ispejjez u bl-imghaxiet kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------